2 ta' Ottubru, 1954

Imħallef:
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Paul Vassallo

**Traffiku — Negliġenza — "Contributory Negligence" — Danni — Spejjeż tal-Perizja — Art. 527 (3) tal-Kap. 12**

*Jekk driver jara persuna fit-triq f'pożizzjoni ta' perikolu li tiġi investita bil-karrozza li jkun qiegħed isuq, u dan fi żmien utili biex jevita lil dik il-persuna l-konsegwenzi, u, għalkemm jista', jonqos li jevitalha dawk il-konsegwenzi, huwa ħati ta' negliġenza li taqa' taħt is-sanzjonijiet tal-liġi kriminali.*

*Nejn ma jimpurta li dik il-persuna, li tiġi hekk investita, tkun qegħdet ruħha anki deliberatament f'pożizzjoni ta' perikolu, jew tkun uriet imprudenza tali li tikkostitwixxi "contributory negligence"; għax dik in-negliġenza kontributorja, jekk jista' jkollha l-importanza tagħha fil-proċediment ċivili għad-danni, ebda importanza ma għandha fil-proċediment kriminali, billi, għall-finijiet tar-responsabilità kriminali, il-"contributory negligence" ma tiskriminax lill-imputat, ammenokkè ma tkunx il-kawża unika determinanti tal-ħsara.*

*L-ispejjeż tal-perizja adoperata fil-proċediment kriminali titqies, b'liġi, bħala debitu ċivili.*

Il-Qorti; — Rat l-atti kompilati kontra Paul Vassallo fuq l-imputazzjoni talli f'Ħal-Lija, fid-9 ta' Awissu, 1953, waqt li kien isuq char-a-banc nru. 2626 minn Bakery Street, bi traskuraġni, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, għafas mal-ħajt lil Rita Agius ta' 17-il sena, u kkaġunalha ferita ta' natura gravi bi probabilità ta' debolezza permanenti fil-funzjoni ta' organu tal-ġisem skond iċ-ċertifikat tat-Tabib Dr. V. P. Amato, M.D.;

Rat in-nota ta' l-Attorney General tat-2 ta' Ġunju, 1954, li biha, billi deherlu illi mill-kumpilazzjoni fuq imsemmija tista' tinsab ħtija ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, bagħat lura lil dik il-Qorti l-imsemmija attijiet tal-kumpilazzjoni ħalli l-istess tiddeċidi fuq l-imputazzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Ġunju, 1954, li biha sabet lill-imputat Paul Vassallo ħati talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' ħila fis-sewqan, ikkaġuna ferita gravi fil-persuna ta' Rita Agius minħabba d-dewmien u minħabba probabbilità ta' debolezza permanenti fil-funzjoni ta' organu tal-ġisem, u kkundannatu għall-multa ta' £10 u għall-ħlas ta' l-ispejjeż kollha tal-perizja, li għandhom jitħallsu fi żmien sitt ijiem;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kumpless tal-provi juri li, anki apparti mill-kalkolu bażin, kien hemm mill-parti ta' l-imputat imprudenza fis-sewqan, li taqa' taħt is-sanzjoni tal-Kodiċi Kriminali. Hu veru li l-imputat kien qiegħed isuq bil-mod ħafna, difatti kien għadu kemm qala' mill-istage; hu veru li daqq il-ħorn ripetutament; hu veru wkoll li hu qal lil dawk ix-xebbiet u guvintur, fosthom il-feruta Rita Agius, biex iwarrbu minn nofs; imma hu veru wkoll li hu ra lil din Rita Agius fil-pożizzjoni ta' perikolu li kienet fiha fi żmien utili biex jevitalha l-konsegwenzi, u, għalkemm seta', naqas milli jevitahomlha. Dak il-mument ma kienx tant il-każ li wieħed jagħmel kalkoli metikulużi ta' frazzjonijiet ta' pulzier, imma kien il-każ li driver, ordinarjament prudenti, iwaqqaf, sabiex jagħti lil Rita Agius l-opportunità li tqiegħed ruħha fiż-żgur. Hu magħruf il-prinċipju hekk espress: "If the circumstances are such that an ordinary prudent driver would stop his car to avoid injury, a driver who fails to stop may be held to be negligent" (p. 97, Andrew Dewar Gibb, "Trial of Motor Car Accident Cases"):

Id-difiża ssottomettiet illi Rita Agius ġiet investita għaliex qegħedet ruħha deliberatament f'sitwazzjoni ta' perikolu; għaliex, anzi, fil-mument kritiku, iċċaqalqet biex tbiddel il-pożizzjoni, u għalhekk ġiet magħfusa mix-char-a-banc ta' l-imputat. Issa hu veru illi, mentri dawk it-tagħżagħ l-oħra, li kienu ma' Rita Agius, daħlu fil-ħanut biex jiskansaw il-perikolu, l-istess Rita Agius, li preżumibilment setgħet

tagħmel bħalhom, imprudentement baqgħet barra, u qalet li x-*char-a-banc* seta' jgħaddi; hu veru wkoll li f'ċertu mument, anzi fl-agħar mument, probabilment allarmata bil-prossimità progressiva tal-*body* tax-*char-a-banc*, hija, minflok baqgħet iċċattjata mal-ħajt, daret daqsxejn u ppruvat tilħaq l-isqaq: u hu veru wkoll li dan l-għemil tagħha imprudenti jista' jikkostitwixxi "contributory negligence"; iżda din il-"contributory negligence" jista' jkollha l-importanza kollha tagħha fil-proċeduri ċivili għad-danni, imma ebda importanza ma għandha fil-proċeduri kriminali; għaliex hu prinċipju li, f'materja ta' ħsara lill-persuni, għall-finijiet tar-responsabbilità kriminali, il-"contributory negligence" ma tiskriminax lill-imputat, ammenokkè ma tkunx unika determinanti;

Għalhekk din l-eċċezzjoni tad-difiża, f'sedi kriminali, ma tistax tiġġjova lill-imputat; salva l-importanza tagħha, "si et quatenus", fil-proċeduri ċivili;

Għal dawn ir-raġunijiet, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma fil-meritu s-sentenza appellata;

Kwantu għall-ispejjeż tal-perizja, stante ċ-ċirkustanzi tal-każ kif fuq spjegati, u stante l-fatt li, b'liġi, dawn l-ispejjeż jitqiesu bħala debitu ċivili (art. 527(3) Kap. 12), hemm lok għal moderazzjoni, fis-sens li, b'riforma tas-sentenza appellata kwantu għal dan il-kap tagħha, l-imputat għandu jħallas, mhux dawk l-ispejjeż kollha, iżda n-nofs tagħhom;

Il-multa ta' £10 tista' titħallas f'ħames rati ta' £2 l-waħda; liema rati għandhom jibdew jitħallsu fi żmien xahar mill-għeluq ta' xahar mil-lum, mogħti lill-imputat biex iħallas nofs l-ispejjeż tal-perizja.

---